



Kunsill Ewropew

Brussell, 14 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

EUCO 19/1/17
REV 1

CO EUR 24
CONCL 7

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (14 ta' Diċembru 2017) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. SIGURTÀ U DIFIŻA

B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2016 u Ġunju 2017, il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress miksub fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, u:

- jilqa' t-twaqqif ta' kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) ambizzjuża u inklużiva u jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati malajr l-ewwel proġetti; jappella lill-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom;
- jappella għal aktar ħidma b'rabta mal-Fond Ewropew għad-Difiża, u b'mod partikolari l-adozzjoni rapida fl-2018 tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża, fil-ħin biex jiġu ffinanzjati l-ewwel proġetti fil-qasam tal-kapaċitajiet fl-2019;
- jistenna li l-Kunsill ilesti r-reviżjoni komprensiva tal-mekkaniżmu Athena għall-iffinanzjar ta' spejjeż komuni ta' missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-UE;
- jitlob li l-Kunsill jadotta, fir-rebbiegħa 2018, rakkomandazzjoni dwar strument ġdid apposta li jkopri r-rekwiżiti kollha tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet b'appoġġ għas-Sigurtà u l-Iżvilupp wara l-2020;
- jitlob li tkompli l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tas-sett sħiħ ta' proposti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, inkluż dawk addizzjonali maqbula f'Diċembru;
- jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-mobbiltà militari, kemm fil-PESCO kif ukoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO;
- jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex f'Ġunju 2018 tirrapporta dwar il-ħidma mwettqa biex tissaħħaħ il-PSDK ċivili u tipproduċi, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni, Patt Ċivili tal-PSDK fl-2018.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet f'Ġunju 2018.

II. DIMENSJONI SOĊJALI, EDUKAZZJONI U KULTURA

Il-mexxejja enfasizzaw l-importanza tad-dimensjoni soċjali, edukattiva u kulturali tal-politiki tagħna biex l-Ewropej jingħaqdu flimkien u biex nibnu l-futur komuni tagħna. Taħt it-Trattati, l-Istati Membri jibqgħu l-entitajiet primarjament responsabbli għal dawn l-oqsma, iżda jista' jsir ħafna billi jaħdmu flimkien, filwaqt li jirrispettaw b'mod sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjeta' u l-proporzjonalità.

DIMENSJONI SOĊJALI

Is-Summit Soċjali f'Gothenburg fakkar fil-ħtieġa li ċ-ċittadin jiġi l-ewwel, li d-dimensjoni soċjali tal-Unjoni tkompli tiżviluppa abbażi ta' impenn komuni u kompetenzi stabbiliti, u li ssir promozzjoni tal-konverġenza permezz ta' sforzi fil-livelli kollha, inkluż mis-sħab soċjali. Bħala l-ewwel pass għandu jsir progress fl-azzjonijiet li ġejjin:

- l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, bl-attenzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi tagħhom; il-Kummissjoni mistiedna tipproponi monitoraġġ adatt;
- il-faċilitazzjoni ta' djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb fil-livelli kollha, inkluż "bidu ġdid għad-djalogu soċjali" fil-livell tal-UE;
- il-progress rapidu fuq fajls soċjali pendenti fil-livell tal-UE, u d-dispożizzjoni li jiġu eżaminati inizjattivi futuri mħabbra mill-Kummissjoni fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2018;
- segwitu għall-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;
- aktar riżultati b'rabta mal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Ħiliet, b'enfasi partikolari fl-2018 fuq l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, maħsuba għal daww bl-akbar ħtiġijiet ta' żvilupp tal-ħiliet.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet f'Marzu 2018 biex jiżgura segwitu adatt.

EDUKAZZJONI U KULTURA

L-edukazzjoni u l-kultura huma kruċjali għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi, u biex isostnu l-kompetittività tagħna. F'Gothenburg esprimejna r-rieda li ssir aktar ħidma f'dawn l-oqsma, li fihom l-UE taqdi rwol importanti ta' tisħiħ u appoġġ. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex imexxu l-ħidma 'l quddiem bil-ħsieb li:

- jiġu intensifikati l-mobbiltà u l-iskambji, inkluż permezz ta' programm Erasmus+ sostanzjalment imsaħħaħ, inklużiv u estiż;
- jissaħħu s-sħubiji strateġiċi bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-UE kollha u jiġi inkoraġġit li sal-2024 jinbtu madwar għoxrin "Università Ewropea", li jikkonsistu minn networks ta' universitajiet madwar l-UE kkaratterizzati minn approċċ minn isfel għal fuq, li ser jippermettu lill-istudenti jiksbu lawrja billi jikkombinaw l-istudji f'diversi pajjiżi tal-UE u jikkontribwixxu għall-kompetittività internazzjonali tal-universitajiet Ewropej;
- jittejjeb it-tagħlim tal-lingwi, sabiex aktar żgħażagħ j itkellmu mill-anqas żewġ lingwi Ewropej oħra flimkien mal-lingwa tagħhom;
- jiġu promossi l-mobbiltà u l-parteċipazzjoni tal-istudenti f'attivitajiet edukattivi u kulturali, inkluż permezz ta' "Kard Ewropea tal-Istudenti";
- tiġi promossa l-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati ta' edukazzjoni għolja u ta' tmiem l-iskola fil-livell ta' edukazzjoni sekondarja fil-qafas xieraq;
- tittieħed l-opportunità tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali biex isir eżerċizzju ta' sensibilizzazzjoni dwar l-importanza soċjali u ekonomika tal-kultura u l-wirt kulturali.

Il-Kummissjoni mistiedna tippreżenta, fejn rilevanti, proposti għal rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fir-rebbiegħa 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni mill-Kunsill malajr kemm jista' jkun.

Il-Kunsill Ewropew jitlob ukoll lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jeżaminaw miżuri possibbli li jindirizzaw:

- l-isfidi fl-ambitu tal-ħiliet marbuta mad-diġitalizzazzjoni, iċ-ċibersigurtà, il-litteriżmu fil-media u l-intelliġenza artifiċjali;
- il-ħtieġa ta' approċċ għall-edukazzjoni u t-taħriġ li jkun inklużiv, ibbażat fuq it-tagħlim tul il-ħajja u xprunat mill-innovazzjoni;
- il-kundizzjonijiet ta' qafas legali u finanzjarju għall-iżvilupp ta' industriji kulturali u kreattivi u l-mobbiltà tal-professjonisti tas-settur kulturali.

Il-kwistjoni ta' riżorsi baġitarji għall-attivitajiet ta' hawn fuq ser tiġi indirizzata fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

III. TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tas-Summit One Planet f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2017 bl-għan li jżied il-finanzjament pubbliku u privat b'appoġġ għall-azzjoni klimatika, b'segwitu għall-COP 23 li saret f'Bonn mis-6 sas-17 ta' Novembru 2017 u fit-triq lejn il-COP 24 li ser issir f'Katowice, fejn ser jiġi adottat il-pakkett ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Huwa jerġa' jafferma bis-sħiħ l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi malajr u b'mod sħiħ u li jkomplu jmexxu l-għlied kontra t-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' proposti leġislattivi pendenti fil-livell tal-UE.

IV. ĠERUSALEMM

L-UE ttenni l-impenn sod tagħha favur is-soluzzjoni ta' żewġ stati u, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tal-UE dwar Ġerusalemm ma nbidlitx.